MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 627/2010

Vodafone Malta Limited (C 10865).

Vs

Miriam Caruana (Id.014784M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, seba u erbghin ewro u sebghin centezmu (€547.70) minghand il-konvenuta, rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lilha in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99833153. U minkejja li giet interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija, seba u erbghin ewro u sebghin centezmu (€547.70), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------